Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 57/2004

Angela armla ta' Salvu Xuereb, Giuseppa mart Gregory Grech, Maria Attard, Veronica mart Francesco Buttigieg, Sylvia mart Carmelo Saliba, Carmela mart George Grech, Loreta mart Vincent Galea, Consiglia mart Francesco Gatt u Joseph ilkoll ahwa Xuereb

-vs-

Francis Galea u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2004 Francis Aquilina gie kjamat fil-kawza

Il-Qorti,

**Incident Stradali – mewt ta' anzjan ta' wiehed u tmenin (81) sena**.

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta' Gunju 2004 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fis-26 ta' Dicembru 2002, Salvu Xuereb li kien jigi r-ragel ta' l-attrici



Qrati tal-Gustizzja

Angela Xuereb u missier l-atturi l-ohra, ghall-habta tat-tmienja u kwart ta’ fil-ghodu (8.15am) waqt li kien qieghed jixtri minn go van f’Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex qrib id-dar fejn kien joqghod huwa, sefa’ mtajjar mill-konvenut Francis Galea li kien isuq vettura tat-tip “Isuzu” (numru ta’ registrazzjoni CBD 959) bil-konsegwenza li huwa ttiehed l-Isptar Generali ta’ Ghawdex fejn miet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar 2003.

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut, minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attrici, Angela Xuereb tigi l-armla tal-mejjet Salvu Xuereb fil-waqt li l-atturi l-ohra kollha huma uliedu.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li fih wegga’ serjament l-istess Salvu Xuereb meta huwa sefa’ mtajjar mill-vettura tat-tip Isuzu (numru ta’ registrazzjoni CBD 959) li sussegwentement miet fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar 2003.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b’konsegwenza ta’ l-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fil-kwalita’ ta’ lucrum cessanti;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-sbatax (17) ta’ Mejju 2004 kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Francis Galea prezentata fil-21 ta’ Lulju 2004 (fol. 16), li permezz taghha eccepixxa li:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan billi l-eccipjenti ma jahti xejn ghall-incident mertu fil-kawza.

2. Illi l-mewt ta’ Salvu Xuereb ma gratx konsegwenza tal-griehi li garrab fl-incident izda miet minhabba kawza naturali;

Rat id-digriet moghti fit-3 ta’ Dicembru 2004 (fol. 24) li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Francis Aquilina.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Francis Aquilina prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2004 (fol. 27), li permezz taghha eccepixxa li:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma totalment infondati fir-rigward ta’ l-esponenti kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

2. Illi l-incident mertu tac-citazzjoni sehh unikament tort u htija tal-konvenut Francis Galea minhabba traskuragni grassa u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti fis-sewqan tieghu;

3. Illi waqt l-incident in kwistjoni l-esponenti kien ipparkjat mal-genb fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex minghajr ma kien ta’ ostakolu ghal hadd.

4. Illi l-esponenti nnifsu wkoll sefa’ korrut b’konsegwenza ta’ l-incident mertu tac-citazzjoni u fir-rigward tieghu l-assikurazzjoni tal-konvenut, Francis Galea, accettat ir-responsabbilta’ tant li anke rrizarcit lil-esponenti ghad-danni relattivi;

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fis-26 ta’ Dicembru 2002 ghal habta tat-8.15 a.m. sehh incident tat-traffiku fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem li fih safa’ mtajjar Salvatore Xuereb;

(b) Fil-hin ta’ l-incident, Salvatore Xuereb kien qieghed jixtri l-haxix minghand il-kjamat fil-kawza li kellu l-vann ipparkjat ma’ gemb il-bankina. Il-vettura kienet qeghda thares fid-direzzjoni tal-Mgarr kif jidher fl-iskizz imhejji mill-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 83);

(c) Salvatore Xuereb gie mtajjar mill-vettura numru CBD959 misjuqa mill-konvenut Francis Galea. Dak il-hin kien qieghed, flimkien mal-imsejjah fil-kawza, fit-triq ma’ gemb it-trukk in-naha tax-xufier (ara xhieda in subizzjoni li nghatat fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2007 – fol. 93).

(d) Fil-25 ta’ Jannar 2003, Salvatore Xurereb miet. Skond ir-rapport imhejji mill-pulizija.

2. Ghal dik li hi responsabbilta’ l-Qorti, wara li semghet lill-konvenut Francis Galea in kontro-ezami fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2007 (fol. 144-145) u ghamlet access fuq il-post fis-26 ta’ Settembru 2007, ma ghandha l-ebda dubju li l-konvenut hu unikament responsabbli ghal dak li gara. Hu rilevanti dak li xehed il-konvenut:-

(a) *“jiena l-van rajtu. Kont ‘il boghod minnu t-tul tal-awla l-kbira tal-Qorti t’ Ghawdex u anzi nghid anki ftit aktar. Jiena lil tal-haxix u lill-vittma ma rajthomx. Nikkonferma illi meta jiena ersaqt vicin it-trakk tal-haxix rajt xi nies wara t-trakk pero ma nistax nghid huwiex il-kjamat fil-kawza u l-vittma….Jiena fl-ebda moment qabel ma sehh l-incident ma rajt lin-nies mal-genb tat-trakk tal-haxix”*.

(b) *“jiena kkalkulajt hazin meta ghaddejt minn hdejn it-trakk peress li ma kienx hemm bizzejjed spazju*

*biex tghaddi l-karrozza tieghi, in vista tal-fatt kif diga' spjegajt, il-bieba tal-kaxxa tat-trakk kienet imnizzla".*
(c) *"veru li kien hemm ix-xemx faccata tieghi pero' dan ma jfissirx illi jiena ma stajtx nara".*

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-brani mehuda mill-kontro-ezami li sar lill-konvenut, huma wahedhom certifikat li fil-hin ta' l-incident il-konvenut ma kienx attent. Dan hu kaz fejn il-konvenut naqas milli jara dak li kien *in plain view*, incident li seta' jigi facilment evitat bi ftit attenzjoni. Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs-Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 *"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli"*. M'hemm l-ebda dubju li l-vizwali tal-atturi, li kien gej mid-direzzjoni tax-Xewkija, kienet fit-tul. F'dik il-parti tat-triq m'hemm xejn xi tellef il-vizwali ta' sewwieq li jkun gej mill-istess direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut (ara ritratt a fol. 133). Sahansitra l-konvenut stess ikkonferma li l-bankina li hemm illum, kienet idjaq. Dan ifisser li l-parti kareggjabli kienet iktar wiesgha. Il-Qorti li ghamlet access fuq il-post u tghaddi minn din it-triq b'mod regolari, hi moralment konvinta li l-vann tal-imsejjah fil-kawza ma kien ta' l-ebda ostakolu ghall-konvenut biex ighaddi minn ma' gembu minghajr ma jikkawza dan l-incident li wassal ghall-mewt ta' persuna. Ghalkemm it-triq hi principali u certament il-vittma u l-imsejjah fil-kawza kienu qeghdin f'post mhux rakomandabbli u certament il-wisa' tat-triq djieqet bil-vettura tal-haxix ipparkjata fil-gemb, madankollu -Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kawza prossima ta' l-incident ma kienitx il-posizzjoni fit-triq tal-vettura, jew tal-vittma jew tal-imsejjah fil-kawza izda n-negligenza tal-konvenut. Anke mill-iskizz li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-impatt sehh ezatt kif il-vettura misjuqa mill-konvenut waslet ma' gemb il-parti ta' wara tal-vettura tal-imsejjah fil-kawza (*"first impact"*). Mela l-Qorti qeghda tifhem li l-impatt mat-trukk CAE276 (tal-

kjamat fil-kawza) sehh qabel gie mtajjar il-vittma. Bl-istess mod, il-fatt li l-imsejjah fil-kawza waqqaf il-vettura tieghu f'dik il-parti tat-triq u kien qieghed jaqdi lin-nies minn hemm, ma jfissirx li dan il-fatt wahdu jissarraf f'xi htija ghall-incident. Jekk il-konvenut kellu dubju jekk kienx hemm bizzejjed spazju biex ighaddi b'kumdita' minn ma' gemb it-trukk minghajr ma jirfes il-karreggjata rizervata ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta, messu naqqas il-velocita' u jekk hemm bzonn waqaf. Certament ma kellux jibqa' ghaddej qiesu xejn mhu xejn. Il-konvenut stess ikkonferma li kkalkola hazin, u l-agir negligenti tieghu jkompli jimmanifesta ruhu fin-nuqqas tieghu li jara tnejn min-nies li kienu ma' gemb it-trukk proprju faccata tieghu. Il-konvenut xehed li qabel sehh l-incident kien ra biss tnejn min-nies fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-imsejjah fil-kawza. Dan iktar u iktar meta tqies li l-incident sehh filghodu (fit-8.15 a.m.) u mill-provi ma rrizultax li l-vizwali tal-konvenut kienet b'xi mod ostakolata. Il-Qorti ma tistax ma ssemmix ukoll kif fir-rapport tal-pulizija li nvestiga l-kaz, il-verzjoni tal-konvenut hi s-segwenti:-

*"kont niezel l-isfel, ma nafx b'liema velocita kont, iz-zewg persuni kienu in-naha ta' barra ta' truck u lqatghhom. Irrid nghid ukoll li x-xemx kienet faccata tieghi. Mad-daqqa brejkajt u lilhom ma rajthomx"* (fol. 79).

Anke jekk ir-raggi tax-xemx setghu kienu qeghdin idejqu lill-konvenut, dan kien ipoggi fuqu iktar piz li jsuq bil-mod u jzomm kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Fl-affidavit li ghamel (fol. 107), il-konvenut iddikjara li *"fil-hin li hakkejt mat-truck u precizament mal-bieba tal-genb tal-kaxxa li kienet miftuha, naf li kienu tilghin xi karrozzi mid-direzzjoni opposta u ppruvajt inrekken il-karrozza tieghi kemm stajt mal-genb biex ma naqbizx il-linja tan-nofs, u kienet ghal din r-raguni li lqatt il-genb tal-kaxxa tat-truck"*. Hekk ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet, il-konvenut iddikjara li Francis Aquilina kien waqqaf it-trukk tieghu *"fi triq arterjali u traffikuza hafna b'ostakolu ghall-kors tat-traffiku"* (fol. 17). Pero' jekk dawk kienu c-cirkostanzi, il-konvenut ma messux ipprova jghaddi minn ma' gemb il-vettura tal-imsejjah fil-kawza izda waqaf wara t-trukk tal-imsejjah fil-kawza u stenna li

jghaddi t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Ftit pacenzja kienet tevita incident li sehh bla bzonn. Il-fatt li l-imsejjah fil-kawza u l-vittma kienu jinsab ma' gemb it-trukk fit-triq, ma jfissirx li jaghti lok ghal xi presunzjoni li l-incident gara tort taghhom. L-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti hu li tinvestiga x'kienet il-kawza prossima u immedjata ta' l-incident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Ir-riferenza li ghamel il-konvenut ghas-sentenza fl-ismijiet **Albert Grech vs John Attard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 hi ghal kollox barra minn loka. Fil-fatt anke l-bran li ccita minnu jindika li c-cirkostanzi ta' dak il-kaz kienu ghal kollox differenti minn dawk tal-kaz attwali. M'hemmx dubju li l-vettura tal-imsejjah fil-kawza ma kienitx qeghda *"tohloq ostakolu inaspettat f'arterja principali, u b'mod li* ***tissorprendi u tikkreja emergenza*** *lil sewwieqa ohra"* [enfazi tal-Qroti - (fol. 177)]. Il-konvenut stess iddikjara li l-vettura tal-imsejjah fil-kawza kien ra, u dwar dan m'hemmx dubju ghaliex kif diga' nghad f'dik il-parti tat-triq il-vizwali hi ghat-tul. Anke jekk kien hemm xi kontravenzjoni min-naha tal-imsejjah fil-kawza, certament li din ma kienitx il-kawza prossima ta' l-incident meritu ta' din il-kawza u wisq inqas ma kkontribwit b'xi mod ghall-incident. Inoltre, fir-rigward ta' Salvatore Xuereb u l-imsejjah fil-kawza li kienu mal-gemb tat-trukk, dan m'huwiex xi kaz li l-konvenut sab ruhu f'emergenza subitaneja minhabba l-agir ta' *pedestrian*, f'liema cirkostanzi s-sewweiq ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian*. Anke li kieku l-vittma ma' kienx ma' gemb it-trukk fit-triq, l-incident xorta kien ser isehh. Il-kwistjoni kollha hi min mill-partijiet kien ikkommetta l-att ta' negligenza li minghajru ma kienx javvera ruhu l-incident. Certament li dan kien il-konvenut.

3. Eccezzjoni ohra tal-konvenut hi li Salvatore Xuereb ma mietx minhabba l-griehi li sofra. It-tabib Antonin Pechar[1] kien ezamina lil Salvatore Xuereb meta ddahhal l-isptar u baqa' jsegwih. Ikkonferma li *"The main problem of the patient Salvu Xuereb was the trauma later developed*

[1] Seduta tal-1 ta' Novembru 2005.

*into indirect complications caused by the trauma"* (fol. 50). Minn imkien ma jirrizulta li l-mewt ta' Salvatore Xuereb ma kienitx relatata mal-griehi li sofra fl-incident meritu ta' din il-kawza.

4. Ghal dak li huma danni, il-ligi (Artikolu 1046 tal-Kodici Civili[2]) tikkontempla zewg kapi:-

i. Telf u spejjez attwali li l-parti tkun sofriet minhabba l-hsara;
ii. Danni derivanti mit-telf ta' qligh futur bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem;

L-attrici Angela Xuereb iddikjarat li ghamlet diversi spejjez li kienu jinkludu:-

(a) Il-funeral…………Lm546.10;
(b) Konsulti ma' diversi specjalisti ……….. Lm150;
(c) Hlas li sar lin-nutar Kristen Dimech ghal finijiet ta' *causa mortis*………………………Lm89;
(d) Hlas ta' Lm200 lil kull wiehed minn uliedha (b'kollox elf u sitt mitt lira Maltija – Lm1,600) bhala kumpens *"tad-diversi servigi u kuri li huma irrendew lill-mejjet missierhom fl-ahhar zmien ta' hajtu meta l-Isptar ghamlulu dak kollu li setghu u zammewh ma jonqsu xejn"* (fol. 97).

Fir-rigward tal-ispejjez tal-funeral u tal-*causa mortis* il-Qorti ma taqbilx li dawn huma rekuperabli. Dawn huma spejjez li xi darba jew ohra ser isiru. Hu minnu li tezisti incertezza ta' kif, meta u fejn persuna tmut u l-Qorti taf li hemm gurisprudenza li akkordat dawn it-tip ta' spejjez. Pero' fuq bazi ta' probabilita' dik l-ispiza li saret xorta kienet ser issir fi zmien iehor. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li l-kaz jittratta dwar persuna li fid-data tal-incident kellha diga' wiehed u tmenin (81) sena. L-attrici,

---

[2] *"Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan".*

Angela Xuereb, qalet li dawn l-ispejjez ghamlet tajjeb ghalihom hi. Spejjez li pero' jistghu jigu rkuprati, mill-patrimonju tal-mejjet (fir-rigward tal-ispejjez tal-funeral) u minghand l-eredi tal-mejjet fir-rigward tal-*causa mortis*. L-attrici qeghda wkoll tippretendi hlas ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1,600) pagament li tghid li ghamlet fl-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200) lil kull wiehed minn uliedha. Salvatore Xuereb miet xahar wara li sehh l-incident. Il-Qorti ghandha d-dubji kemm verament thallset is-somma li qalet l-attrici meta wiehed jikkunsidra z-zmien qasir li baqa' haj Salvatore Xuereb wara l-incident u l-fatt li l-attrici stess qalet li mid-data ta' l-incident il-vittma kien rikoverat l-isptar. Dan apparti l-fatt li wiehed jistenna li ghal dak il-perjodu hekk qasir l-ulied jieqfu mal-genituri taghhom u jaghtuhom l-ghajnuna kollha li jkollhom bzonn. Dan ma kienx xi kaz fejn ulied il-vittma ghamlu xi snin iduru bil-vittma, f'liema cirkostanzi l-konkluzjoni tal-Qorti setghet forsi tkun differenti. Ghal dak li huma *"konsulti ma' diversi specjalisti"*, l-atturi ma taw l-ebda dettalji. Ma semmewx min kienu dawn l-ispecjalisiti, meta saru dawn il-konsulti u lanqas ma pprezentaw ricevuti. L-attrici qalet li ma setatx issibhom, pero' jekk verament saru dawn l-ispejjez setghet facilment tkellem lil dawn l-ispecjalisti u titlobhom jaghtuha dikjarazzjoni tal-hlas li tghid li ghamlet. Inoltre, l-atturi ma tawx spjega ta kif saru dawn l-ispejjez meta jirrizulta li mid-data ta' l-incident il-vittma kien rikoverat fl-isptar. Ghalhekk anke dan l-ammont m'huwiex gustifikat.

5. Fiz-zmien ta' l-incident Salvatore Xuereb kellu wiehed u tmenin (81) sena[3]. Kien ilu jircievi l-pensjoni mill-11 ta' Dicembru, 1982, meta rtira mix-xoghol u kellu dan id-dhul fis-sena [ara dokument a fol. 92 li jaghti rendikont dettaljat tad-dhul li l-vittma kien jircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u li giet prezentat minn Adrian Attard fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2007 (fol. 90)]:-

- Pensjoni …………………………Lm1667.12

[3] Ara certifikat tal-mewt a fol. 5.

- Bonus Addizzjonali…...................Lm69.68
- *End-of-year bonus*……….............Lm115.96
- *Sickness Benefit*………………….Lm582.40
- *Supplementary Allowance*………..Lm110.19

Ix-xhud zied ighid li *"Hu kien jircievi wkoll pensjoni tat-tezor fl-ammont ta' disa' mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm986) matul is-sena two thousand and two (2002)"* (fol. 90).

Mill-provi ma rrizultax li wlied il-vittma kienu dipendenti tieghu ghalkemm il-Qorti qeghda tifhem li huma l-werrieta tieghu. Cirkostanza li fl-ebda stadju ma giet kontestata mill-konvenut. Lanqas ma rrizulta li bil-mewt ta' zewgha, id-dhul tal-attrici gie milqut. Fil-kawza fl-ismijiet **Neville Desira et vs Grech & Company Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005, gie osservat: *"Il-Qrati taghna rritenew illi l-azzjoni intentata mill-atturi, eredi tal- vittma, issir "iure proprio" bis-sahha tad-dritt lilhom konferit bl-operat tal-ligi fl-Artikolu 1046 u mhux b'kawza ta' xi trasmissjoni ope successionis, u li ghalhekk mhux necessarju li jigi ppruvat li l-mejjet kien jaqla' l-flus u li kien jikkontribwixxi ghas-sussistenza taghhom biex ikollhom dritt ghal indennizz"*.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi ghat-telf ta' qligh li l-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem totali jew parzjali. Min-naha l-ohra l-Artikolu 1046 tal-Kodici Civili jittratta d-dritt tal-werriet li jitolbu d-danni. Id-dritt biex jintalbu d-danni ma jiddependix mid-dipendenza, element li hu rikjest taht id-dritt Ingliz (Fatal Accidents Act, 1976). Il-kaz jittratta dwar ragel li fiz-zmien ta' l-incident kellu 81 sena u li kieku baqa' haj, l-incident ma kienx ser ikollu ebda mpatt fuq il-qligh tieghu. Dan in kwantu l-vittma kien pensjonant. F'dan ir-rigward jinghad li l-gurisprudenza ilha tapplika l-kuncett li per ezempju mara mizzewga li ma kellhiex impieg kien jisthoqqilha kumpens

ghall-griehi mgarrbin minnha f'incident, ghal dan il-fatt wahdu. L-istess jinghad ghall-kaz fejn il-persuna mgarrba tkun qabzet l-eta pensjonabbli[4]. M'hemmx dubju pero' li fil-kaz ta' persuna ta' din l-eta' hemm incertezza kbira, u l-Qorti hi tal-fehma li dan m'huwiex kaz fejn il-kalkoli ghandhom isiru b'applikazzjoni ta' xi *multiplier*. Wara li hasbet, il-Qorti hi tal-fehma li f'dan ir-rigward m'ghandix tapplika dak li qalet din l-istess qorti kif presjeduta, fis-sentenza li nghatat ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud** deciza fil-25 ta' Jannar 2008. M'hemmx dubju li f'materja ta' likwidazzjoni ta' danni fejn *"ma hemmx regoli fissi u inflessibbli, ma hemmx quantitative scale tad-danni, ghal kollox jiddependi mic-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz"* (**Carmela Fenech proprio et nomine vs Antonio Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Marzu 1956 – Vol. XL.i.70) u ghalhekk bzonn li tezercita l-arbitriju diskrezzjonali taghha. Bl-istess mod fil-kawza **Mary Bugeja v. George Agius**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 1987, f'dak li hija likwidazzjoni ta' danni, *"Il-Qrati fil-pronuncjament taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, (li) qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom"*. Ghalkemm il-vittma kien anzjan, ma jirrizultax li qabel id-data ta' l-incident kien ibaghati minn xi kondizzjoni medika serja (ara xhieda ta' Dr. Joseph Farrugia li nghatat fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2005 – fol. 36). L-attrici xehedet, *"qabel ma wegga' kien ragel f'sahtu u kien ghadu kapaci jaghmel kollox – jahdem fl-ghalqa, jmur jixtrili, jsajjar u jnaddaf. Difatti huwa ittajjar meta kien qieghed jaghmilli x-xirja minghand tal-haxix"* (fol. 96). Il-fatt li fil-hin ta' l-incident Salvatore Xuereb kien qieghed jixtri l-haxix, jikkonferma li kien ghadu attiv. Ghalhekk, il-Qorti wara li qies et l-eta' tal-vittma, l-introjtu li kellu, il-fatti li ma rrizultax li l-vittma kien jonfoq kull ma jdahhal u lanqas li kellu xi stil ta' hajja gholi, wiehed jistenna li l-probabilita' hi li kien ser jirnexxielu jgemmgha

[4] Ara per ezempju sentenza moghtija fil-kawza **Joseph Cini vs George Wells et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Novembru 2004 u **Saviour Sammut vs Robert Demanuele** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002.

certu ammont ta' flus fis-snin li kien fadallu hajja. Il-Qorti ghalhekk ser tipprocedi sabiex tiffissa d-danni fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' disat elef tlett mija u sbatax-il euro u disgha u erbghin centezmu (Euro 9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef lira Maltija (Lm4,000) minghajr ma jsir xi tnaqqis relatat ma' konsiderazzjonijiet bhal tnaqqis ghall-konsum min-naha tal-mejjet u tnaqqis minhabba dak li nirreferu ghalih bhala *lump sum payment*. Konsiderazzjonijiet li l-Qorti qieset meta llikwidat din is-somma.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-imsejjah fil-kawza Francis Aquilina (fol. 27) u tiddikjara li m'ghandu l-ebda responsabbilta' ghall-incident meritu tal-kawza.

2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Galea u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tieghu billi:-

(a) Tiddikjara li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-26 ta' Dicembru 2002 fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex li fih gie mtajjar Salvatore Xuereb li miet fil-25 ta' Jannar 2003.

(b) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disat elef tlett mija u sbatax-il euro u disgha u erbghin centezmu (Euro 9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef lira Maltija (Lm4,000).

(c) Tikkundanna lill-konvenut Francis Galea jhallas lill-atturi s-somma ta' disat elef tlett mija u sbatax-il euro u disgha u erbghin centezmu (Euro 9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef lira Maltija (Lm4,000).

Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut Francis Galea u bl-imghax mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------